**Kapitlu 3** **Inħobbu lil xulxin bħal aħwa**

**Lezzjoni 3.8: L-istorja ta' Ġużeppi**

**L-Għanijiet:**

**It-tfal:**



1. Isiru midħla tal-Istorja ta' Ġużeppi.
2. Jifhmu x'għamel Ġużeppi biex ħafer.
3. Jagħrfu kif, bħal Ġużeppi, dejjem irridu nkunu lesti li naħfru u nħobbu lil xulxin.

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**

- Powerpoint Presentation li turi l-istorja ta' Ġużeppi mibjugħ minn ħutu
- Karta ta' taħriġ : 3.5.



**Naqsmu flimkien:**

- Ibda l-lezzjoni billi turi lit-tfal l-ewwel stampa meħuda mill-PPT li tinkludi l-istorja ta' Ġużeppi u ħutu.
- Aqra t-titlu tal-istorja u ħeġġeġ lit-tfal jiddiskutu dak li qed jaraw fl-istampa u dwar xiex jaħsbu li se tkun l-istorja.
- Ħallihom liberi sabiex joħorġu bl-ideat tagħhom.



**Nisimgħu flimkien:**

- Uri l-PPT presentation filwaqt li tirrakkonta l-istorja.
- Għal kull stampa tista' telabora u tispjega l-ġrajja aktar fit-tul. Dan għaliex il-PPT tagħti biss stampa żgħira tal-istorja. Kull għalliem/a huwa liberu/a li j/tidħol f'aktar dettal.
- Waqt ir-rakkont ħu ħsieb staqsi mistoqsijiet biex tqanqal il-ħsibijiet tat-tfal dwar x'seta' ġara, kif ħassewhom il-karattri tal-istorja eċċ.
- Permezz tar-rakkont it-tfal mistennija jifhmu kif l-aħwa ta' Ġużeppi kienu jgħiru għalih, tant li kienu kattivi ħafna miegħu iżda minkejja dan kollu, Ġużeppi xorta għenhom u ħafrilhom.
- Aħdem il-Karta ta' Taħriġ 3.5 billi tispjega x'għandu jsir.
- Spjega kif it-tfal iridu jpinġu l-kaxxi msemmija u wara li tinqara l-kelma, it-tfal ipinġu l-istorja.

**Nikbru flimkien:**

- Staqsi lit-tfal x'kienu jagħmlu huma li kieku kienu minflok Ġużeppi.
- Qanqal il-ħsibijiet tagħhom billi tirrakkonta episodji qosra li t-tfal stess jgħaddu minnhom fil-ħajja ta' kuljum u staqsi: "U jekk l-oħrajn ma jħobbuniex? Jew ma jkunux iridu jilagħbu magħna? Jew jiġġieldu magħna għalxejn? Jew joħdulna xi lapes jew kulur? X'nagħmlu aħna?"
- Għin lit-tfal jifhmu kif aħna rridu nkunu bħal Ġużeppi, dejjem lesti li naħfru u nħobbu lil xulxin bħal aħwa.

Fakkar li:

1. Ħut Ġużeppi ma kinux iħobbu lil ħuhom u għalhekk għamlulu l-ħsara.
2. Kienu kattivi miegħu tant li bigħuh lil xi nies.
3. Hu baqa' jħobbhom tant li ħafrilhom.
4. Bħal Ġużeppi jridu jkunu dejjem lesti li jaħfru u jħobbu lil xulxin.
5. Biex ikunu kapaċi jaħfru jridu jbatu.
6. Juru li huma tassew aħwa meta jaħfru lil xulxin minn qalbhom.

**Nagħżlu flimkien:**

- Qassam il-karta ta' taħriġ lit-tfal kollha u flimkien magħhom aqra l-introduzzjoni li hemm fuq il-karta stess.
- Spjega kif it-tfal mistennija jpinġu l-ġebel tal-piramidi skont l-ittri ndikati fuq il-karti.
- Permezz t'hekk huma ser ikunu jistgħu jwieġbu l-mistoqsija: "X'għamel Ġużeppi meta reġa' ltaqa' ma' ħutu?".
- Fl-aħħar spjega kif bħal Ġużeppi aħna rridu naħfru lil xulxin.
- ***Meta naħfru nuru ngiba tajba lejn xulxin.***